**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni Numru: 424/2022**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Lydon Zammit]**
**[Spettur Stephen Gulia]**
**[Spettur Kurt Farrugia]**

**Vs**

**-omissis-**
**Ramon Abela**
**-omissis-**

**Illum, 11 t'Awwissu 2022**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

“**-omissis-**;

**Ramon Abela**, detentur tal-karta tal-identita’ nin-numru 471475M;

**-omissis-;**

1. Talli nhar is-17 t’April 2022 minn ġewwa sit ta’ kostruzzjoni li jinsab sitwat ġewwa Triq il-Kapuċċini, Kalkara ikkommetta serq ta’ oġġetti, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disa’ u għoxrin euro u seba’ u tletin ċentezmu (€2329.37) u li sar għad-dannu ta’ Joseph Borg Bonaci u/jew persuni ohra u/jew entitajiet oħra;

Lil **-omissis-** wahdu nakkuzawh:

2. -omissis-;

3. -omissis-;

4. -omissis-;

5. -omissis-;

Illi l-imputat **Ramon Abela** gie akkuzat ukoll:

6. Talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi u fiz-zminijiet ta' qabel gewwa l-gzejjer Maltin naqas milli jhares il-kundizzjonijiet impost fuqu mill-Qorti Kriminai Onor. Imhallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit) fid-digriet tieghu datat tat-18 ta' Settembru 2019 li bih ta l-helsien mill-arrest;

7. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi irrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

Lil **-omissis-** u **-omissis-** wahidhom nakkuzawhom:

8. -omissis-;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużati għall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta tal-persuni fuq indikati."

Rat l-atti kollha.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat u qieset l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi fis-seduta tat-03 ta’ Awissu 2022 l-imputat irregistra ammissjoni.

Rat illi l-imputat f’dik is-seduta rega’ kkonferma l-ammissjoni tieghu minkejja li l-Qorti taghtu zmien ragjonevoli sabiex jirrikonsidra l-istess.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Rat illi fis-seduta tal-lum, l-imputa rega’ afferma l-ammissjoni tieghu u ghalhekk il-Qorti ghaddiet ghall-prolazzjoni tas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti**

Illi l-Pulizija rceviet rapport dwar serq illi allegatament sehh mis-sit ta' kostruzzjoni msemmi u wara investigazzjonijiet dwar l-istess ressqet lill-imputat u lil terzi li gie akkuzat bir-reati indikati.

Illi l-imputat Ramon Abela fil-fatt gie akkuzat (1) Talli nhar is-17 t'April 2022 minn ġewwa sit ta' kostruzzjoni li jinsab sitwat ġewwa Triq il-Kapuċċini, Kalkara ikkommetta serq ta' oġġetti, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disa' u għoxrin euro u seba' u tletin ċentezmu (€2329.37) u li sar għad-dannu ta' Joseph Borg Bonaci u/jew persuni ohra u/jew entitajiet oħra; u (2) Talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi u fiz-zminijiet ta' qabel gewwa l-gzejjer Maltin naqas milli jhares il-kundizzjonijiet impost fuqu mill-Qorti Kriminai Onor. Imhallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit) fid-digriet tieghu datat tat-18 ta' Settembru 2019 li bih ta l-helsien mill-arrest; U (3) aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi irrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

**Ikkunsidrat:**

Illi ghalkemm fl-ewwel seduta l-imputat iddikjara illi mhux hati, fis-seduta tat-03 t'Awissu 2022, l-imputat Ramon Abela rregistra ammissjoni.

Fl-istess seduta l-Qorti laqgħet it-talba tal-Prosekuzzjoni għas-separazzjoni tal-ġudizzju sabiex il-proċeduri kontra l-imputat Ramon Abela ghalhekk jitkomplew b'mod separat.

Illi ai termini tal-Art. 392A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissiet lill-imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu u tagħtu ftit taż-żmien biex jerġa' lura minnha. Wara li l-kawża ġiet posposta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat tiegħu u wara li l-kawża reġgħet issejħet l-imputat ikkonferma għal darb' oħra l-istess ammissjoni.

Illli ghalhekk il-Qorti għalhekk irreġistrat l-ammissjoni tal-imputat.

Illi l-Qorti ghaddiet sabiex tisma' s-sottomissjonijiet finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ghalkemm fl-ewwel seduta ddikjara li mhux hati, fis-seduta tal-lum irregistra ammissjoni.

Illi in vista tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat fuq l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Il-Qorti, ghalhekk qeghda issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Piena**

Dwar il-piena l-Qorti qed tiehu in kunsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, anke jekk f'dan l-istadju xejn bikri tal-proceduri stante li l-proceduri jinstabu fl-istadju tal-provi difiza.

Il-Qorti qed tiehu in kunsiderazzjoni wkoll il-fedina penali tal-imputat minn liema jirrizulta li din ma hiex l-ewwel darba li l-imputat xellef difru mal-gustizzja. Jirrizulta wkoll illi l-imputat inghata diversi opportunitajiet sabiex jirrijabilita ruhu mill-hajja refrattarja tieghu izda ma gharafx jisfrutta l-istess tant li baqa' jippersisti fl-istess hajja.

Illi konsegwentament il-Qorti tqis illi, f'dan il-kaz il-Qorti ghandha timponi piena karcerarja effettiva.

**Deċide:**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 49, 261 (c), 267, 279 (a), 579 (1) u 579 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti filwaqt illi ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, l-Qorti qeghda tikkundanna lill-imputat ghall-piena ta' sena prigunerija effettiva, u filwaqt illi tirrevoka d-digriet

tal-helsien mill-arrest tat-18 ta' Settembru 2019, izda taghzel li ma tordnax il-konfiska tas-somma imhallsa bhala depozitu fit-termini tal-istess digriet tal-helsien mill-arrest.

***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

Angelo Buttigieg
Deputat Registratur